MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Avviz Numru. 139/2010

**F (Advertising) Limited**
**Vs**
**Chris Bonello u Gina Bonello**

**Il-Qorti:**
Rat l-avviz tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 t'April, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf erba' mija u tlettax-il Ewro (€11,413) rapprezentanti valur ta' servizzi ta' reklamar dovuta ai termini ta' skrittura privata datata 25 ta' Jannar, 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 1272/10 u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-istess mandat kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Christopher Bonello u Georgina *sive* Gina Bonello pprezentata minnhom fil-15 ta' Frar, 2011 fejn esponew bir-rispett:

*"It-talbiet tas-socjeta' attrici huma inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess:*

*1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, diversi klawsoli u kundizzjonijiet tal-iskrittura privata tal-25 ta' Jannar 2008, fosthom dawk 'lli a tenur taghhom gew promossi dawn il-proceduri, jinkorporaw provvedimenti pprojbiti a tenur tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u huma, kwindi, nulli u minghajr effett legali.*

*L-istess klawsoli u kundizzjonijiet joholqu skwilibriju sinjifikattiv lill-interessi tal-konsumatur tas-servizz u ghalhekk ghandhom jigu dizapplikati minn din l-Onorabbli Qorti ipso jure; ftehim bejn partijiet jorbot lill-istess biss sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-Ligi f'dak il-ftehim.*

*3. Fit-tielet lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici naqset milli toffri s-servizzi pattwiti bejnha u bejn il-konvenuti; ghalhekk hija naqset milli tadempixxi l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha skont il-Ligi.*

*Is-socjeta' attrici trid iggib prova definittiva u konklussiva kemm 'lli hija wettqet l-obligazzjonijiet minnha assunti fuq l-iskrittura privata tal-25 ta' Jannar 2008 u kif ukoll illi avveraw ruhhom l-kundizzjonijiet kollha 'lli setghu intitolaw lill-istess socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont minnha mitlub f'dawn il-proceduri.*

*4. Fir-raba' lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut stante 'lli l-proprjeta' de quo ma nbieghetx ghall-valur pattwit bejn il-partijiet fuq l-iskrittura privata tal-25 ta' Jannar 2008; filfatt din il-proprjeta' nbieghet ghal ammont ferm inqas. Dan huwa rifless ukoll mill-fatt illi*

*rapprezentant tas-socjeta' attrici kien prezenti waqt il-konvenju datat 18 ta' Ottubru 2008, u, kif jidher mill-istess konvenju, accetta, ghan-nom tas-socjeta' attrici ammont inferjuri ghal dak inizjalment rikjest mill-istess socjeta'.*

*5. Fil-hames lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa, fi kwalunkwe kaz, eccessiv ghas-servizzi minnha pprestati.*

*6. Fis-sitt lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt odjern ma giex ezegwit in bona fidi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici F Advertising Limited 'lli hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi **Vincent Baldacchino** xehed fit-12 ta' April 2011 fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' direttur mas-socjeta' attrici. Qal li s-socjeta' minnu rappresentata tiehu hsieb u taghti servizz ta' reklamar ta' proprjetajiet ta' terzi persuni. Huma jiftehmu ma' klijent li jkun irid ibiegh il-proprjeta tieghu u huma jiehdu hsieb r-reklamar fuq il-magazine Owner's Best , fuq it-televizjoni lokali u kif ukoll fuq il-website taghhom.

Ix-xhud ikkonferma illi mal-konvenuti odjerni huma kienu ghamlu kuntratt. Hu esebixxa kopja tal-kuntratt li l-Qorti mmarkat bhala dokument "CSH". Dan sar il-hamsa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja u l-kuntratt kien iffirmat miz-zewg konvenuti Chris u Gina konjugi Bonello u f'isem is-socjeta' attrici kien iffirma Edward Baldacchino. Sa fejn kien jaf ix-xhud, kienu l-konvenuti li kienu avvicinaw lis-socjeta' attrici u dan ghaliex kienu xtaqu jbieghu il-proprjeta' taghhom. Huwa qal illi l-iskrittura (esebita fl-atti markata bhala Dok CSH a fol. 32) li ffirmaw ghandha validita' ta' sentejn. Is-socjeta' attrici kienet obbligat ruha b'dan il-kuntratt illi jaghmlu r-reklamar fl-Owner's Best ta' din il-proprjeta' al minimu ghal sitt darbiet.

Ix-xhud sostna li l-magazine in kwistjoni ghandu cirkolazzjoni ta’ mija u hamsin elf (150,000) gewwa Malta. Zied jghid illi kienu miftehma wkoll sabiex jaghmlu reklam fuq it-television ukoll u effettivament ghamluh darbtejn u mhux darba kif kienu miftehma skont l-iskrittura Dok. CSH, u kienu poggewh il-proprjeta’ tal-konvenuti fuq il-website taghhom malli gie ffirmat l-iskrittura Dok. CSH.

Vincent Baldacchino qal li l-obbligu tal-klijent kien illi ghar-reklamar kollu li sar ma jhallas xejn. Ihallas biss il-*commission* tas-socjeta’ attrici una volta l-proprjeta’ tinbiegh f’perjodu ta’ sentejn. Qal li effettivament din ma kinitx kwistjoni ta’ *commission* pero’ ghaliex kien ammont gia’ dikjarat bejniethom liema ammont jinsab indikat fl-istess kuntratt redat minn Nutar Said. F’dan il-kuntratt kien hemm miftiehem illi una volta il-post jinbiegh, l-ammont dovut lilhom kien se jkun inqas minn dak dikjarat fl-iskrittura Dok. CSH, liema ammont ridott gie wkoll miftihem bejniethom u huwa stipulat fl-istess kuntratt.

Ix-xhud tenna li l-obbligi taghhom li gew assunti minnhom kollha kienu gew esegwiti. Huwa esebixxa numru ta’ dokumenti sabiex jissostanzjaw dak li qal, liema dokumenti tpoggew go envelopp kannella u li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument “CSH1”. Huwa ghadda kopja tal-istess lill-kontro parti.

Effettivament il-proprjeta’ in kwistjoni nbieghet u huma gew avzati mill-istess konvenuti. Naturalment kienet inbieghet entro t-terminu ta’ sentejn meta kienu marbutin maghhom. Gie mistoqsi jekk sarx effettivament konvenju biss, hu wiegeb li le anke l-kuntratt effettiv kien sar. In segwitu huma kienu kitbu lill-konvenuti biex jinfurmawhom dwar l-obbligi taghhom li jhallsuhom pero’ ma rcevew l-ebda komunika minghand dawn il-konvenuti. Gie mistoqsi jekk jafx jekk kienx hemm xi rapprezentant tal-kumpanija tieghu prezenti waqt li sar il-konvenju, qal li ma kienx jaf. Lanqas ma kien jaf kemm kienet effettivament inbieghet il-proprjeta’ in kwistjoni.

In kontro ezami x-xhud qal illi l-konvenuta fin in fondo xtaqet tbiegh il-proprjeta' taghha. Naturalment is-servizz taghhom kien sabiex jghinuha tbiegh din il-proprjeta'. Is-servizz tas-socjeta' attrici kien dak li jirriklamawlha l-proprjeta' taghha. Huma rreklamaw il-proprjeta' inkwistjoni bin-numru dirett tas-sid. Tramite s-servizz tar-reklamar, il-klijent isib il-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat illi **Edward Baldacchino** xehed fl-24 ta' Mejju, 2011 fejn spjega illi hu jahdem bhala sales representative mas-socjeta' attrici. Bhala procedura normali, kien jaf illi Chris Bonello kien cempel l-ufficcju taghhom biex juza s-servizzi taghhom ghar-reklamar. Huwa kien mar jaghmel spezzjoni fir-residenza tieghu, kien spjegalu l-kuncett kif tahdem is-socjeta' attrici u s-sensiela ta' reklamar li kienu se jaghmlu u li dawn kienu se jkunu marbutin ghal sentejn. Ix-xhud kien spjegalu l-kwistjoni li jkun hemm hlas biss jekk il-proprjeta' tinbiegh f'certu perjodu. Qal illi s-Sur Bonello effettivament kien iffirma dan il-ftehim quddiemu u kkonferma illi hu kien iffirma dan l-istess ftehim.

Ix-xhud gie muri d-dokument a fol 32 markat bhala dokument "CSH". Huwa kkonferma illi dan kien il-ftehim li ghadu kif semma fix-xhieda tieghu. Xtaq jghid illi l-ftehim min-naha taghhom kien gie onorat kollu u r-reklamar relattiv sar u hu kien baqa' maghhom li jekk effettivament ikun hemm bejgh, hu kellu jigi nfurmat u dan sabiex ikun prezenti ghall-att tal-konvenju. Qal li effettivament il-konvenut kien ikkuntatjah sabiex ikun prezenti waqt il-konvenju u kien prezenti ghall-konvenju wkoll, pero' ghadu ma thallasx sal-lum.

Rat illi fis-27 ta' Settembru, 2011 Dr. Keith Borg esebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala "Dok Z" u "Dok X".

Rat illi **Gina Bonello** xehdet nhar is-27 ta' Settembru 2011 u spjegat li hija tigi l-ex mara ta' Chris Bonello. Hija kkonfermat li hija kienet ghamlet konvenju flimkien ma zewgha skond dokument 'Z' dwar il-bejgh tad-dar taghhom u cioe' id-dar mertu tal-kawza odjerna.

Hija giet mistoqsija jekk xi hadd mis-socjeta' attrici kienx prezenti meta ffirmaw dan il-konvenju u kkonfermat li iva kien hemm xi hadd prezenti. Mistoqsija wkoll min kien hareg bis-somma imsemmija f'paragrafu 'C' ta' din l-iskrittura Dok 'Z' qalet li effettivament kienu d-dirigenti tas-socjeta' attrici. Meta giet mistoqsija min kien prezenti ghan-nom tas-socjeta' attrici dak in-nhar wiegbet li ma tafx x'jisimu pero' taf li kien hu id-direttur. Il-kuntratt finali dwar il-bejgh tad-dar taghhom huwa wkoll esebit u markat bhal dok X u kkonfemat li kienu bieghu d-dar taghhom ghal prezz ta' disghin elf Lira Maltin (LM 90,000). Effetivament pero', il-prezz kien ghola meta kien qed jigi reklamat mis-socjeta' attrici. Mistoqsija jekk qattx irceviet xi ittra bonarja jew ufficjali mill-Qorti ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn giet mitluba thallas is-somma ta' hdax il-elf u erbgha mitt Ewro (€11,400) hija wiegbet fin-negattiv. Effettivament qalet li ma rceviet xejn. Tiftakar li kienet iffirmat kuntratt ghal advertising mas-socjeta' attrici u cioe' d-dokument "CSH" esebit fl-atti a fol. 32. Ghalkemm il-firma taghha ma tidhirx fuqu. Ikkonfermat li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma ffirmax il-konvenju likien sar war il-biegh tad-dar, dan jinsab esebit a fol. 46. Hu minnu li huma waslu ghas-somma ta' sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) imsemmija fl-iskrittura dok 'Z' bi ftehim madd-dirigenti tas-socjeta' attrici. Huwa minnu wkoll li s'issa is-somma ta' sitt elef mija u erbgha u tmenin (6,184) ma gewx imhallsa minnhom. Qalet li meta kienu ghamlu il-kuntratt hadd ma kien mar biex jigbor l-ammont li giet mitluba biex ihallsu. Hija cahdet li hija ghandha taghti s-somma mitluba fil-kawza ta' hdax il-elf. Is-somma ta' sitt elef, mija u erghba u tmenin Ewro (€6,184) huma kienu lesti li jhallsuhom naturalment minghajr precidizju ghal dak li ntqal fl-eccezzjonijiet taghhom. Huma ma nfurmawx lis-socjeta' attrici meta kien ser issir il-kuntratt ghaliex hasbu li kien ser jinfurmhom in-nutar, fil-fatt had minnhom ma mar ghal iffirmar tal-kuntratt.

Rat illi **Chris Bonello** xehed nhar id-9 ta' Novembru 2011 u gharaf il-konvenju datat 18 ta' Ottubru 2008 esebit a fol 46 tal-atti processwali mmarkat bhala dokument Z, u qal li dan huwa konvenju. Hu kkonferma li kemm hu kif ukoll rapprezentant tal-agenzija tal-advertising kunjomu

Baldacchino, ismu ma jafux, u n-nutar kienu prezenti meta ffirma dan il-konvenju. Irrikonoxxa li fil-paragrafu C hemm imsemmija ic-cifra ta' sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) li kellha tigi mhallsa lis-socjeta' attrici. Din is-somma giet ikkalkulata minn dak ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u cioe minn Baldacchino, hadimha hu stess bil-calculator fil-presenza tieghu.

Ix-xhud gharaf ukoll d-dokument X esebit fl-atti li huwa il-kuntratt finali. Ikkonferma li huwa biegh il-prorpjeta' li kellu ma' martu ghall-prezz ta' circa disghin elf Lira Maltin (LM90,000). Qal li qatt ma' kien ircieva xi ittri ufficjali mill-Qorti rigward din il-kwistjoni. Hu kkonferma li kien iffirma l-iskrittura sabiex is-socjeta' attrici taghmlilhom riklamar fuq il-propjeta' in vendita. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-ammont li kellha tiehu s-socjeta attrici kien hdax-il elf u erba' mitt Ewro (€11,400), wiegeb li le ma jiftakarx. Kien jaf pero' li kellha tiehu xi persentagg, skont kemm tinbiegh il-propjeta'. Muri dokument CSH esebit fl-atti a fol 32 hu qal li dan huwa l-ftehim li huwa iffirma mas-socjeta' attrici. Gie mistoqsi jekk huma hallsux l-ammont imsemmi fil-konvenju ta' sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184), qal li le ghadu ma hallashomx. Ix-xhud qabel li hu u martu kellhom ihallsu is-somma ta' sitt elef, mija u erghba u tmenin Ewro (€6,184) meta ghamlu l-konvenju. Personalment jistqarr li huwa qatt ma rcieva xi ittra minghand is-socjeta' attrici.

**Vincent Baldacchino** xehed nhar id**-** 29 ta' Frar 2012 u kkonferma li huwa minnu li s-servizz li huma joffru huwa l-istess ghal kulhadd, huwa standard. Mistoqsi minn huma il-lista tar-*recognised agents* imsemmija fl-iskrittura esebita u markata bhala Dok. "CSH" jghid li huma jaghzluhom biex b'hekk il-klijent f'dan il-kaz il-konvenuti Bonello ma jkollux idejh marbuta, jghid li l-lista li hemm hija ta' l-aktar agenti li jbieghu propjeta hawn Malta. Mistoqsi jekk ghandhomx xi relazzjoni ta' *commission* ma' dawn l-agenti, jghid li le ma ghandhomx. Huwa minnu li Edward Baldacchino kien prezenti meta gie ffirmat il-konvenju in kwestjoni waqt li huwa ma kienx prezenti. Qed issirlu referenza ghad-dokument Z esebit f'dawn l-atti a fol 46 u appuntu referenza ghal paragrafu C u mistoqsi x' ried

ifisser bil-kelma *brokerage fee*, jghid li hija senserija. Jghid pero' li l-ftehim taghhom pero' ma kienx dwar commission / senserija tkellmu biss fuq l-*agreement* taghhom ta' advertising. Jispjega li l-ammont jigi kkalkulat fuq 3½% fuq l-ammont li l-klijent ikun qed jitlob ghall-bejgh tal-propjeta' tieghu. Mistoqsi  jekk il-propjeta in kwistjoni effettivament gietx mibjugha, jghid li iva hekk hu. Effettivament id-dokumentazzjoni kollha giet prezentata minnhom pero' a memoria ma jiftakarx il-prezz tal-bejgh.

**Edward Baldacchino** ukoll xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u kkonferma li ma kienx hu li kkonkluda dan il-ftehim. F'dan il-kaz il-kompraturi kienu marru direttament ghand is-sur Bonello, pero' kien hu li ghamel l-*agreement* maghhom dwar l-*advertising* u dan wara li kien spjegalhom il-kontenut tieghu u ra li huma ffirmawh fil-presenza tieghu. Dan qed isir b'referenza ghal ftehim li hemm esebit fl-atti a fol 32 u markat bhala dokument CHS u jikkonferma li l-konjugi kienu ffirmaw quddiemu. Muri d-dokument Z esebit f'dawn atti jghid li dan huwa l-konvenju li effettivament gie ffirmat gewwa s-Siggiewi qabel ma' sar il-bejgh finali tal-proprjeta' tal-konvenuti. Qed issirlu referenza ghal paragrafu C ta' dan il-konvenju u mistoqsi jekk kienx hu li hareg bl-ammont ta' 6,148 euros  li hemm indikat, jghid li ma jafx jekk kienx hu li ssugerixxa dan l-ammont, pero' jaf zgur li din is-somma giet accettata mill-partijiet kollha koncernati. Il-kliem ezatt kif intuza min-nutar ma kienx hu li ddettah.

Ikkunsidrat.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta s-segwenti bhala fatti:-

1. Illi s-socjeta' attrici toffri servizz ta' reklamar ghall-bejgh ta' proprjeta ta' terzi u dan wara li tkun iffirmat skrittura maghhom.
2. Illi f'dan il-kaz skond ix-xhieda ta' Edward Baldacchino li ma gietx kontestata mill-konvenuti huma kienu ghamlu l-iskrittura esebita a fol. 32 Dok. CSh fejn fiha ftehmu li s-socjeta' attrici kellha tiehu hsieb ir-

reklamar tad-dar tal-konvenuti kemm fuq l-magazine taghha Owners Best, kemm fuq it-televizjoni kif ukoll fuq il-website taghha u dan skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

3. Illi l-konvenuti b’dan il-ftehim intrabtu li jekk il-prorpjeta tinbiegh huma kellhom ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur pre likwidata u imsemmija fil-ftehim Dok. CSH.

4. Gara illi l-konvenuti nhar it-28 ta’ Ottubru 2008 kienu ffirmaw konvenju ghand in-Nutar Philip Said (dok Z a fol. 46) dwar il-bejgh tad-dar taghhom u cioe’ 72, Triq in-Nissieg, Zabbar lil konjugi Spiteri skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija fosthom li ghandhom ihallsu senserija ‘brocherage fees’ lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) inkluz il-VAT.

5. Illi nhar is-16 ta’ Lulju 2009 l-istess konvenuti dehru fuq il-kuntratt finali ukoll redatt minn Nutar Philip Said (Dok X a fol. 48) skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

6. Illi jirrizulta li minkejja dan kollu s-socjeta attrici ghadha ma rceviet l-ebda hlas u dan sahansitra anke gie kkonfermat mill-konvenuti stess li qalu li kienu lesti li jhallsu s-somma imsemmija fil-konvenju ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184izda dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet taghhom.

Illi jinghad li bejn il-kontendenti ma hemmx qbil dwar in-natura tal-azzjoni. Is-socjeta’ attrici temmen li hija intitolata ghal dik is-somma flus mitluba fir-rikors promotur bhala hlasijiet dovuti lilha ghal servizz ta’ reklamar moghti minnha lill-konvenuti dwar il-bejgh tal-proprjeta’ taghhom gewwa Zabbar filwaqt li bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jghidu li f’kaz li l-eccezzjonijiet taghhom ma jigux milqugha s-socjeta’ attrici hija biss intitolata ghal dik is-somma msemmija fil-konvenju fl-ammont ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) dovuti bhala senserija.

Il-konvenuti in linea preliminari qed jecepixxu li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-**artikolu 2148 (e) tal-kap 16** tal-ligijiet ta’ Malta liema **artikolu 2148 (e) tal-kap 16** jiddisponi is-segwenti:

"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar.
(e) l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt tas-senserija;"

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li f'kaz li s-senserija hija dovuta din hija dovuta skond il-kuntratt ta' bejgh redatt minn Nutar Philip Said nhar is-16 ta' Lulju 2009 waqt li r-rikors promotur gie intavolat nhar it-22 ta' Ottubru 2010 u ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta' attrici giet intavolata fi zmien iqsar minn tmintax-il xahar. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **K.b. Real Estate Limited Vs P And Jc Company Limited** deciza nhar id- 9 ta' Jannar 2004 fejn gie ritenut li:-

*"Il-jedd ghas-senserija jinkiseb meta jsir il-bejgh, mhux meta ssir il-weghda ta' bejgh, ghalhekk il-preskrizzjoni relattiva ta' tmintax-il xahar (Art. 2148(e) Kodici Civili) tibda tiddekorri mill-konkluzjoni tal-kuntratt."*

Ghalhekk f'kaz li din il-Qorti taqbel li l-azzjoni hija wahda fuq senserija l-azzjoni mhix preskritta.

Il-Qorti ma thossx li ghandha titratta t-tieni eccezzjoni f'dan l-istadju peress illi jekk tiddecidi li l-ammont ta' flus dovuti huma fuq senserija u ghalhekk naxxenti mill-konvenju redatt min-Nutar Said ma jkunx hemm lok li tidhol u tifli l-ftehim li gie ffirmat bejn il-kontendenti liema ftehim Dok. CSH jinsab esebit fl-atti.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina l-atti li gew esebiti quddiemha. Tibda billi tghid li l-kontendenti permezz ta' l-iskrittura Dok. CSH ikkrejaw obbligazzjoni bejniethom u cioe' li l-konvenuti ftiehmu li kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur una volta s-socjeta attrici tonora l-obbligi taghha hemm imsemmija. Pero' meta l-konvenuti ffirmaw il-konvenju dwar il-bejgh tal-fond imsemmi fil-ftehim Dok. CSH u dan ftit ta' zmien wara dan il-konvenju Dok. Z ha post il-ftehim CSH u ghalhekk jezisti dak li fil-ligi nsejhulu novazzjoni. Jirrizulta b'dak il-konvenju li t-talba attrici hija kolpita minn ftehim

"*gdid*" bejn il-partijiet li kien minnhom intiz sabiex jirregola l-obbligazzjonijiet li kienu twieldu bejniethom mill-konvenju in kwistjoni u kien intiz biex "*joqtol*" l-effetti ta` dak il-ftehim originali Dok. CSH.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla fl-ismijiet **Maria Rita Calleja (detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 440175M) *kontra* Godwin u Josephine konjugi Borg (detenturi tal-karta ta` l-identita` bin-numru 123758M) u 579859M rispettivament)** deciza 10 ta' Settembru 2010 :-

*"In-novazzjoni huwa mod ta` estinzjoni ta` obbligazzjoni. Huwa inkorporat fl-**Art.1179 et seq tal- Kap.16**. Ghall-fini tal-kaz tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti principali hija l-**Art.1179(a)** li jghid li hemm novazzjoni "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca". Ghalhekk in-novazzjoni huwa ftehim li ghandu l-effett li jestingwi obbligazzjoni u jikkostitwixxi obbligazzjoni ohra. Il-bidla fl-oggett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din taghti lok* ghal obbligazzjoni gdida li tkun nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni originali. L-indagni li trid issir hija jekk il-partijiet riedux semplicement bidla tar-rapport guridiku fis-sens pero` li dak ir-rapport guridiku jibqa` immutat fl-identita` tieghu, inkella riedux joholqu rapport guridiku gdid.

Dan ghaliex kif jinghad fl-**Art.1181(1)** "*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla".* Kwindi "*biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta` l-ezistenza taz-zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubju, innovazzjoni ghandha tigi eskluza"* (**Kollez. Vol. XXXIV.II.657; Vol. XLVIII.II.794 u Vol.L.I.412**).

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Mejju 1956 fil-kawza "**Koludrovich vs Muscat**", il-Qorti tal-Appell irrilevat –

"*Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir*

*obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika ghalhekk iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma' tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata."*

Sabiex jista` jinghad li hemm l-*animus novandi* intiz bhala l-volonta` esternata mill-partijiet fl-ewwel lok irid ikun komuni ghaz-zewg kontranti, fit-tieni lok trid tirrizulta r-rieda taghhom it-tnejn li l-obbligazzjoni ta` qabel tigi estinta, u fit-tielet lok l-*animus* irid jirrizulta b'mod inekwivoku u ppruvat minn fatti konkludenti. Kien deciz illi "*quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo` mai essere presunta, ed e` di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiarament risultare"* (**Kollez. Vol. XXVII.I.935**).

In-novazzjoni huwa istitut li kien jezisiti anke fid-Dritt Ruman. Issa fid-Dritt Ruman, l-*animus* ried ikun espress sabiex issehh novazzjoni (ara: Lee – "*The Elements of Roman Law*" – Fourth Edition – Pag.418). It-tendenza fid-dritt modern daret lejn il-htiega li l-intenzjoni tkun **cara** aktar milli espressa.

Fl-**Art.1180(2)** jinghad li n-novazzjoni "*mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".* Fis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 1952 fil-kawza "**<u>Frendo Randon vs Gera</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk – "*U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu* (b`riferenza ghall-*aniumus novandi*) *jehtieg dejjem li jkun hemm l-akkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni."*

Fis-sentenza "**<u>Koludrovich vs Muscat</u>**" (op. cit.) kien rilevat ukoll li:
"*In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza."*

Fis-sentenza "**<u>Catania vs Degiorgio</u>**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1958 jinghad hekk–

"*Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista` tkun anke tacita, pero` irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta` taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bilfors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u talespromittent ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u inekwivoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi*
*prezunta."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-25 ta` Marzu 1993 fil-kawza "**Busuttil noe vs Mallia",** hemm precizat li ghalkemm *in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta,* anzi ghall-kuntrarju ghandha tirrizulta bic-car fl-istess waqt biex dan isir *ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali.* U n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta ghaliex bazikament tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra.

Il-**Giorgi** ("*Delle Obbligazioni*", Vol.VIII Para.242) jikkummenta li tkun tacita l-intenzjoni biex issehh novazzjoni "*quando risulta dalla incompatibilita` tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta` di novare. Della quale incompatabilita' sono queste le caratteristiche:*

*1. Che il debitore sia stato svincolato assolutament dalla obbligazione primitive;*
*2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e` vera novazione ... La nuova obbligazione nulla conserva, per regola, della natura e degli effetti che aveva l'antica, ma prende la natura e gli effetti proprii della sua indole giuridica."* (ara ukoll : "**Bongailas vs Deguara**" – Qorti tal-Appell –
22 ta' Novembru 1989 ; u "**Mizzi vs Ennis**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Gunju 1984).

Issa f’dan il-kaz l-intenzjoni tal-partijiet hija wahda cara u cioe’ li originarjament l-konvenuti kienu talbu servizz ta’ reklamar minghand is-socjeta’ attrici liema servizz kien ser jiswilhom is-somma ta’ hdax-il elf erba’ mija u tlettax-il Ewro (€11,413) is-somma imsemmija fir-rikors promotur pero’ maz-zmien iddecidew li l-ammont ta’ flus li kienu dovuti lis-socjeta’ attrici ma kienx daqshekk izda inqas u cioe’ fl-ammont li gie likwidata u miftiehem fil-konvenju fis-somma ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184). Illi jinghad li Edward Baldacchino ghan-nom tas-socjeta’ attrici kien prezenti meta gie ffirmat il-konvenju Dok. X u fil-fatt skond ix-xhieda tal-konvenuti kien hu stess li hadem din is-somma fuq il-calculator tieghu, liema somma huma ftehmu li jhallsu lis-socjeta’ attrici mal-iffirmar tal-kuntratt finali. Illi ghalhekk l-intenzjoni tal-partijiet ma baqghetx dik li l-ammont dovut ghandu jkun dak in rapprezentanza ta’ servizz ta’ reklamar moghti izda ammont li jirrapprezenta senserija kif imsemmi fil-konvenju Dok. X. In oltre l-konvenuti wkoll qalu fix-xhieda taghhom li huma jridu jhallsu din is-somma izda bla pregudizzju tal-eccezzjonijiet taghhom. Qatt ma qalu li din is-somma ma kienitx dovuta pero’ ma riedux jiddisturbaw l-ecezzjonijiet legali imressqa mill-avukat difensur taghhom. In oltre jirrizulta wkoll mix-xhieda tad-diretturi tas-socjeta’ attrici li huma wkoll lesti li jaccettaw is-somma imsemmija fil-konvenju u ghalhekk dan ifisser li dik kienet l-intenzjoni taghhom li jircievu dak l-ammont in full and final settlement ta’ dan in-negozju.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost jirrizulta li l-ammont ta’ flus li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta’ attrici hija dik imsemmija fil-konvenju u cioe’ l-ammont ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) u ghalhekk fid-dawl ta’ dak li ghadu kif intqal mhux necessarju li l-Qorti tezamina l-ftehim Dok. CSH ghaliex illum il-gurnata m’ghandux validita’ u ghalhekk din il-Qorti mhix ser titratta din it-tieni eccezzjoni u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Dwar it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe’ li s-socjeta’ attrici naqset li toffri s-servizz pattwit bejniethom u ghalhekk naqset li taderixxi ruhha mal-obbligazzjoni

kontrattwali taghha jinghad li s-socjeta’ attrici ma kellhiex ghalfejn tipprova dan ghaliex kienu l-istess konvenuti li accetaw din is-somma imsemmija fil-konvenju u ghalhekk il-Qorti ser tiskarta din l-eccezzjoni wkoll.

Dwar ir-raba’ eccezzjoni jinghad ukoll li din il-Qorti mhix ser tidhol u tara kemm kien il-valur tal-fond li gie mibjugh u dan ghaliex skond il-konvenju is-somma miftiehma bejn il-partijiet giet miftehma u accettata bejniethom tant li ffirmaw l-istess konvenju bla riserva u kienu l-istess partijiet li kkrejaw din is-somma u skartaw l-obbligazzjoni originali msemmija fil-ftehim Dok. CSH.

Dwar il-hames eccezzjoni u cioe’ li l-ammont pretiz huwa eccessiv jinghad li l-Qorti taqbel mal-konvenuti u dan ghaliex is-somma li llum hija dovuta lis-socjeta’ attrici hija s-somma ridotta ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184) u mhux is-somma mitluba fir-rikors promotur.

Dwar is-sitt eccezzjoni li l-kuntratt ma giex esebwit in buona fede jinghad li l-partijiet ma gabu l-ebda prova dwar dan u mhux talli hekk li din l-obbligazzjoni giet krejata fil-presenza tan-Nutar u ghalhekk zgur li ma kienx hemm rifless xi mala fede.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenuti qieghda tilqa’ l-hames eccezzjoni b’dan illi qed tirriduci t-talba mitluba mis-socjeta attrici ghall-ammont ta’ sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro (€6,184), liema somma l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta’ attrici.

L-ispejjez kollha ta’ din il-procedura huma in kwantu ghal tlieta minn erbgha a karigu tal-konvenuti u r-rimanenti wiehed minn erbgha a karigu tas-socjeta’ attrici. Jinghad ukoll li l-konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez relatati mal-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru nurmu 1272/10.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------